**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tat-13 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Rodianne Desira**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa fir-rigward ta' Rodianne Desira, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 572192M fejn hija giet akkuzata :

"*talli fi 21/03/2014 ghall-habta ta' 18:45 hrs f' Dawret Hal Ghaxaq, Ghaxaq, waqt li kont qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAT 743;*

*(1) B' manjiera traskurata (a) perikoluza (b) u bla kont*
*(2) Kif ukoll b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Oliver Calleja skond kif iccertifika Dr Chris Giorgimaina M.D. ta' Mater Dei.*

*Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikata mil-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.*"

Rat il-provi prodotti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat;**

Illi dina l-kawza titratta dwar incident tat-traffiku fejn Oliver Calleja sofra griehi gravi fuq il-persuna tieghu.

Illi irrizulta li l-incident stradali sehh ghal habta ta' sebgha neqsin kwart ta' filghaxija f' Dawret Hal Ghaxaq, Ghaxaq fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax. L-imputata kienet qes isuq vettura in-numru ta' registrazzjoni IAT 743 mentri Oliver Calleja kien qed isuq il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAS847.

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta li l-imputat kienet wieqfa fuq *stop sign* li tigi fq in-naha tax-xellug ta' Sawret Hal Gaxaq direzzjoni lejn iz-Zejtun. L-imputata riedet issuq minn fuq l-*stop sign* u ddur fuq il-lemin fid-direzzjoni tal-Gudja. Meta harget minn fuq l-*stop sign*, sehh l-impatt mal-mutur misjuq mill-allegat vittma liema mutur kien qed jinsaq fil-karreggjata principali fid-direzzjoni lejn iz-Zejtun.

Mid-dinamika ta' dana l-incident jirrizultaw is-segwenti fatturi inkonfutabbli:

1.L-imputata kienet qed tipprova tohrog minn triq laterali ghal fuq *main road* jew triq magguri.
2. Il-vittma kien qed isuq fil-*main road.*
3. Fil-*main road* ossija Dawret Hal-Ghaxaq kien hemm it-traffiku.
3. Kien hemm stop sign fejn il-vettura ta' l-imputata waqfet sakemm inghatat l-opportunita' li ssuq lejn id-direzzjoni tal-Gudja.

L-imputata spjegat kemm *a tempo vergine* kif ukoll quddiem din il-Qorti hekk kif ippreseduta, illi hija waqfet fuq l-*stop sign.* Kien hemm

vettura li waqfet u s-sewwieq taghha ghamlilha s-sinjal biex hija tkun tista' tohrog minn fuq l-*stop sign.* L-imputata spjegat li hija iccekjajt li ma kien gej had u harget. Xhin kienet qed issuq, hasset impatt man-naha ta' wara tal-vettura taghha u ndunat li mutur li kien qed jinsaq fuq in-naha tal-lemin ossija fuq in-naha ta' barra, kien dahal gol-vettura taghha.

Il-vettura tal-imputata sofriet xi grif fuq il-parti ta' wara taghha hekk kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-imputata mentri l-mutur misjuq minn Calleja sofra hsarat *fileft frame, left foot rest, left handlebar, left side mirror* u *front wheel* (Vide *accident police report* ezebit).

**Ikkunsidrat;**

Illi dwar ir-responsabbilta' ta' l-imputata fis-sewqan taghha, ir-regolament 76 tal-legislazzjoni sussidjarja 65.11 (Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur) jghid li:

> *76. Triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha jkollu d-dritta ghas-sewqan u t-traffiku fit-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhom jaghmlu l-wisa' lil daktat-triq principali, izda d-driver ta' kull vettura sew fi triq principali sew f'wahda sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega f'kull kantuniera.*
>
> Illi kif dejjem gie ritenut ,
> "*ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem att ent , sija jekk ikun fuq it-triq id-dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, hu intuwittiv li id-driver li jkun sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra, ghandu obbligu akbar minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta, u dana ghas-semplici raguni li hu jkun ser jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fuq it-triq id-dritta, mentri id-driver fuq it-triq id-dritta, ladarba ser ikompli ghad-dritt, ma jkun ser ifixkel lil hadd* ." (Kollez. Vol. XXXVI , iv . p.797 ).

Gie ukoll ritenut li is-"*side road user*" ghandu dritt li jaqsam gol "*main road*" meta bid-debita prudenza ikun accerta ruhu li din hija libera (App. Krim. **<u>Pul. vs. Nazzareno Borg</u>** , 12.11.1960 ) u li "*side road user*" irid jidhol go "*main road*" bla ma jiehu riskju li driver prudenti

ma jiehux." (App. Krim. **Pul. vs. Giuseppe Galdes,** Vol. XXXVII , iv. p. 1108)".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-22 ta' Gunju 2005, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited noe et vs. Raymond Vella**, il-Qorti qalet hekk:

> *"Li jfisser allura li l-attrici Beryl Pauline Jepsen kellha d-dritt ta' precedenza in kwantu kellha titqies bhala "main road user". Li jfisser ukoll illi fic-cirkostanzi l-konvenut kellu jitqies bhala "side road user", u allura, skond gurisprudenza konkordi kellu "l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi dead slow u sahansitra jwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" – **Il-Pulizija vs. Anthony Galea**, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137); **Joseph Rizzo vs. Paul Micallef**, Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974;*
>
> *Issokta jigi precizat fuq din it-tematika illi "min ikun hiereg minn side street ghal main road ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf ghal kollox jew johrog inching out, u jassigura li t-triq hi libera.*
>
> *Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittravers a dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" - **Mark Sammut vs. Maryse Germaine del la Fargue**, Appell Civili, 2 ta' April 1976".*

Fil-kawza "**<u>Il-Pulizija vs Pawlu Borg</u>**" (Vol. XXXVI-I-page 797) il-Qorti qalet *"ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent sia jekk ik un fi triq dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer tidhol fiha, huma nitriwitt iv, u hu principju affermatt f'diversi decizjonijiet tal-Qrati Inglizi illi d-driver li sejjer jidhol fit-triq id-dritta, minn triq ohra ghandu obbligu aktar minn dak id-driver fuq it-triq id-dritta, ghas-semplici raguni li jkun sejjer jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fit-triq id-dritta; mentri d-driver fuq it-triq id-dritta, ladarba sejjer ikompli ghad-dritt, ma jkunx sejjer ifixxkel lil hadd."*

Ghalhekk b' mod general d-dover tas-sewwiq li jkun sejjer jaqsam triq principali u jiddisturba l-kors normali tat-traffiku ghandu grad ta' attenzjoni ferm aktar gholi minn dak is-sewwieq li jkun ghaddej fuq triq principali fejn allura s-sewwieq tat-triq sekondarja ghandu l-obbligu u l-kompitu li jaccerta ruhu li jkun jista` johrog mit-triq sekondarja minghajr perikolu u tfixxkil ghal utenti l-ohra.

Illi l-Highway Code imbaghad jiddisponi fir-regolamenti 212 u 213:

*212. "Jekk ma jkunx muri xort'oħra, it-traffiku fit-triq principali għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun dieħel, jew li jkun se jħalli t-triq principali."*
*213. "F'salib it-toroq jew għaqda ta' triq principali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun ħiereg minn, it-triq principali."*

Kif spjegat din il-Qorti hekk kif diversament ppreseduta fid-decizjoni f fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spt. Mario Tonna) Vs Joanne Persiano</u>** deciza fl-24 ta' Marzu, 2010, dana jfisser illi *minor road user* irid josserva tlett regolamenti importanti u cioe':

1. li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju bil-hsieb li jaccerta ruhu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq principali ma kienx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq.
2. li jaccerta ruhu li ma kienx hemm traffiku fuqha. Jew almenu, jekk kien hemm traffiku, kien tant 'il boghod li l-hrug tieghu fuqha ma kien bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku
3. li ccaqlaq ghal fuq il-karreggjata principali bil-mod il-mod inching out u jekk mehtieg, jieqaf ghal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna lit-traffiku ighaddi.

Illi l-Qorti tosserva li dejjem gie ritenut li f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li

jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor. (Vide Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Mill-banda l-ohra, dwar il-*motorcyclists,* il-Highway Code fir-regolamenti ghal *motorcyclists* jiddisponi fir-regolament numru 74:

*"Għandek tkun taf x'hemm warajk u fil-gnub tiegħek qabel ma ddur. Ħares warajk; uża l-mirja li jkollok imwaħħlin. Meta tkun qed taqla' queues tat-traffiku, oqgħod attent għall-pedestrians li jkunu qed jaqsmu minn bejn il-vetturi u għal vetturi li ħergin minn salib it-toroq."*

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti fliet fit-tul ix-xhieda prodotta fil-mori ta' din il-kawza.

Minn dawn il-provi, irrizulta li kien hemm it-traffiku fi Triq Dawret Hal Ghaxaq. Calleja xehed li huwa kien qieghed isuq il-mutur qrib ic-central strip ghaliex sostna li jekk ikun wara l-karozza ta' quddiemu, is-sewwieq ma jarahx mill-mera tan-nofs. Ghalhekk, huwa kien qed isuq qrib is-sinjal tac-central strip sabiex is-sewwieq tal-karozza ta' quddiemu jkun jista' jarrah mill-mera tal-genb tan-naha tal-lemin. Vide xhieda moghtija fit-13 ta' Settembru 2017).

Irrizulta li l-allegata vittma osservat il-vettura misjuqa mill-imputata wieqfa fuq l-*stop sign* fuq in-naha tax-xellug. Fix-xhieda moghtija *tempo vergine* hekk kif jirrizulta mill-*accident police report* u mill-affidavit ta' PS 1386 A. Agius, Calleja spjega li huwa haseb li l-van misjuq mill-imputata kien ser itih ic-cans li jghaddi izda f' daqqa wahda l-van hareg u minkejja li huwa pprova jevita li jahbat, sehh impatt bejn il-mutur u l-vann. Quddiem din il-Qorti, l-allegata vittma xehed li huwa ra l-vann wieqaf min-nahha tal-bypass fuq stop sign u f' daqqa wahda, xhin gie biex jghaddi hu, il-vann hareg f' salt u baqa' diehel gol-mutur.

Mill-banda l-ohra, l-imputata spjegat li hija kienet fuq *stop sign,* vettura li kienet fil-*main road* waqfet u ghamltilha sinjal biex tghaddi. Hija ccekjajt li ma kinux gejjin vetturi ohra u minn fejn kienet ma setghetx tara l-mutur misjuq minn Calleja li kien qed jinsaq fuq in-naha ta' barra tal-vetturi. L-imputata spjegat li hija ma ratux il-mutur u kien biss xhin hasset l-impatt man-naha ta' wara tal-vann li ndunat bil-mutur.

Il-Qorti fliet l-iskizz ezebit fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju 2018 kif ukoll ir-ritratti ezebiti bhala Dok RG1 u RG2 fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2019.

Jidher li l-imputata kienet kwazi kkompletat il-manuvra taghha li tidhol fil-karreggjata fid-direzzjoni lejn il-Gudja. Jidher ukoll li l-impatt mal-mutur sehh fuq il-parti ta' wara tal-vann misjuq mill-imputata.

Il-Qorti tqies li kien dmir ta' Calleja li jsuq b'mod galbat u joqghod attent ghal kwalsiasi vettura li tista' tkun hierga mit-toroq laterali li hemm tul Triq Dawret Hal Ghaxaq kif ukoll li joqghod attent illi l-ebda persuna jew pedestrian ma ikun qieghed jintenta jaqsam it-triq.

Jidher illi min-naha taghha l-imputata bl-ebda mod ma qabdet u harget ghal fuq il-main road minghajr ma hadet il-prekawzzjonijiet kollha necessarji. It-traffiku kien miexi bil-mod u xhin rat li nghatat l-opportunita mis-sewwieq iehor fil-karreggjata principali, hija harget bil-mod wara li accertat ruhha illi ma kienx gej traffiku mit-triq principali. L-imputata kienet kwazi ghaddiet meta hasset xi haga tolqotha mal-parti ta' wara tal-vettura taghha. Madanakollu minhabba li l-mutur kien qed jissorpassa xi vetturi u kien qed jinsaq fuq in-naha ta' barra qrib is-sinjal tac-*central strip,* dan ma setax jikkontrolla l-mutur tieghu bil-konsegwenza li baqa' diehel fuq il-parti ta' wara tal-vettura ta' l-imputata, minkejja li huwa ra l-vann hierga minn fuq l-*stop sign* izda kkalkola hazin li l-van kien ser ittih cans jghaddi.

F' ghajnejn din il-Qorti, irrizulta li l-imputata esplorat sewwa t-triq qabel ma intentat tohrog fuq it-triq principali u accertat ruhha li setghet taghmel dana minghajr ma tkun ta' tfixkil ghat-traffiku gej minn fuq il-main road.

Illi huwa minnu illi r-responsabbilta' ta' l-imputata kien wiehed ikbar minn dak ta' Calleja. Izda lanqas il-provi cirkostanzjali ma jindikaw xi nuqqas da parti ta'l-imputata. Illi fil-fatt dawna il-provi jissostanzjaw il-verzjoni ta' l-imputata, li hija wkoll sostanzjata mix-xhieda moghtija a tempo vergine minn Calleja.

Il-Qorti tqies li l-fatt li l-hsarat minimi fil-vettura ta' l-imputata sehhew fil-parti ta' wara tan-naha tal-lemin tal-istess vettura, kif ukoll l-iskizz u r-ritratti ezebiti bhala bhala RD1 u RD 2 li juru l-pozizzjoni tal-vetturi wara li sehh l-incident, ikomplu jissotanzjaw il-verzjoni ta' l-imputata li hija kienet kwazi qasmet ghat-triq l-ohra.

Gie argumentat illi l-imputata ma setghetx taghmel manuvra bhal dik li ghamlet stante li fl-istess triq hemm *roundabout* u ghalhekk, hija kellha l-obbligu li ssuq lejn ir-*roundabout* u ddur maghha sabiex taqbda il-karreggjata fid-direzzjoni lejn il-Gudja. Minkejja din l-argumentazzjoni, il-Prosekuzzjoni u l-parte leza ma ressqux provi f' dan is-sens. In fatti, ma tressqux provi dwar x' sinjali tat-traffiku kien hemm fuq il-post in kwistjoni fiz-zmien meta sehh l-incident, u lanqas ma tressqu provi dwar din l-allegata *roundabout*. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tqiesx li din l-argumentazzjoni mressqa giet ppruvata lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli.

Ghaldaqstant dina l-Qorti ma tara l-ebda nuqqas fis-sewqan ta' l-imputata, li ghalkemm kellha responsabbilta' kbira meta hija kienet ser tohrog minn triq laterali ghal fuq main road, madanakollu minn imkien mill-provi ma jirrizultax illi hija ma haditx il-prekawzjonijiet kollha necessarji, jew li kienet imprudenti, traskurata u li ma osservatx ir-regolamenti tat-traffiku.

Illi ghalhekk l-ebda wahda mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha ma jirrizultaw ippruvati lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

**Decide**

Ghal dawna il-motivi, il-Qorti qed tillibera lill-imputata minn kull akkuza migjuba fil-konfront taghha.

| | |
|---|---|
| **Dr Simone Grech LL.D.** | **Karen Falzon** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |